MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 409/2007

**Talba Nru: 409/07VGD**

Albert FS Manduca Limited (C247)

Vs

Victor Briffa

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm160.17c) rapprezentanti kwantu ghal mija u hamsin lira u sbatax il-centezmu (Lm150.17c) bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-

socjeta' attrici u kwantu ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) bhala spejjes ta' ittra legali, bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta' mija u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm160.17c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------